**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Nadine Lia B.A; LL.M (Kent); LL.D**

**Kump 256/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs.**

**Duncan Rizzo**

Il Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat **Duncan Rizzo**, ta' 35 sena, bin William u Gaetana nee' Scerri, imwieled il-Pieta' fil-5 ta' Frar 1981, u li joqghod f'17 Gizimina, Triq il-Buleben iz-Zghir, Zabbar. Detentur tal-Karta ta' l-Identita' Maltija, bin-numru 93481M:

**Billi inti akkuzat talli personalment u/jew fil-kapacita' tieghek ta' impjegat jew ta' uffiċjal prinċipali jew ta' rappreżentant tal-kumpanija *Rizzo Service Station*, f'Dicembru 2015, f'dawn il-Gzejjer:**

1. Irrendejt ruhek komplici billi ikkorrompejt ufficcjal jew impjegat pubbliku f'kaz ta' korruzzjoni hekk kif imsemmi fl-Artikolu 115 (a) tal-Kapitolu 9;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu kif ukoll li l-ufficjal prosekutur ikkonferma li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat id-dokumenti kollha pprezentati inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja, hadet konjizzjoni tax-xhieda u d-dokumenti prodotti u fliet l-atti kollha tal-kawza u semghet lill-partijiet jitrattaw.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim Imhallef Dr. Joseph Azzopardi.[2]

[1] Folio 4 u 7 ta' l-atti processwali
[2] XXXX

Rat li fl-udejenza tal-11 ta' Novembru 2019 li l-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' lix-xhieda prodotti.

Rat illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kellhiex provi ohra xi tressaq nhar it-18 ta' Ottubru 2017.[3]

Rat illi d-Difiza ddikjarat illi lanqas hi ma kellha provi ohra xi tressaq nhar is-7 ta' Frar 2019.[4]

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-3 ta' Frar 2016 il-Kummissarju tal-Pulizija irċieva kwerela mill-kumpannija Enemed fejn il Kummissarju tal-Pulizija gie mitlub jinvestiga każ li ġie rrapurtat lilu fejn ġie allegat illi wiehed mill-impjegati tal-Enemed, certu Carmel (Charlie) Farrugia, maghruf bhala Charlie iz-Zebbugi, li huwa impjegat mal-Enemalta fil-pożizzjoni tiegħu ta' *assistent dispatcher* kien irċieva xi ammonti ta' flus minn sidien li jixtru l-*fuel*. Din l-informazzjoni inkisbet mingħand wieħed mix-xufiera li huwa impjegat ma' *subcontractor* tal-Enemed.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

[3] Folio 84 ta' l-atti processwali
[4] Folio 111 ta' l-atti processwali

**L-Ispettur Yvonne Farrugia**, stazzjonata fl-Economic Crimes Unit, xehdet fil-11 ta' Lulju 2016. Hija kkonfermat illi fit-3 ta' Frar 2016 il-Kummissarju ta'l-Pulizija irċieva kwerela min-naħa tas-Sur Kevin Chircop fil-kapacità tiegħu ta' Chairman Ezekuttiv tal-Enemed fejn talab lill-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga każ li ġie rrapurtat lilu fejn ġie allegat illi s-Sur Carmel Farrugia, impjegat mal-Enemalta fil-pożizzjoni tiegħu ta' *assistent dispatcher,* kien irċieva xi ammonti ta' flus minn sidien li jixtru l-*fuel*, liema informazzjoni inkisbet mingħand is-Sur Jurgen Cassar, wieħed mix-xufiera impjegat ma' B. Borg Group Services, li hija *subcontractor* tal-Enemed.

Ix-xogħol tal-Enemed primarjament huwa li tissupplixxi l-*fuel* lill-pompi. Apparti li għandha x-xufiera tagħha, minħabba li jkollhom ħafna rikjesti ta' fuel, Enemed titlob ukoll xufiera mingħand is-*sub-contractor* B. Borg Group biex dawn ix-xufiera jgħinuhom iqassmu dan il-fuel. Issa dan Jurgen Cassar huwa wieħed minn dawn ix-xufiera.

Fit-8 ta' Frar 2016 l-Ispettur Farrugia bagħtet għal Jurgen Cassar fejn dan irrilaxxa dikjarazzjoni bil-miktub li fiha kkonferma li kien għamel rapport mas-Sur Kevin Chircop dwar l-imġieba ta' Carmelo Farrugia. Qal li fil-11 ta' Dicembru 2016 hu kien imissu biex jissupplixxi *bowser* lil Rizzo Service Station ta' Mannarino Road, Birkirkara, fejn qal li kien hemm ċertu Duncan li kien għaddielu *envelope* magħluq biex jgħaddih lil Charlie (Carmelo Farrugia). Qal li Charlie kien jaf li għandu jirċievi *envelope* mingħand Duncan Rizzo.

Skont Jurgen Cassar, Farrugia kien qed jirċievi l-flus għaliex jittorturalhom qalbhom biex jibgħatilhom ix-xoghol u kien qal li mhux l-

ewwel darba li kien iħallihom mingħajr *fuel* minħabba li huma pompi żgħar. Cassar għadda wkoll informazzjoni fuq pompa oħra ta' Michael Galea & Sons Limited fejn dan ukoll kien ħallieh xi siegħat wieqaf. Ix-xhud stqarret li tkellmet ukoll ma Saviour Galea li huwa tal-pompa ta' Michael Galea & Sons Limited fejn dana kkonferma li jixtri l-*fuel* mill-Enemed ukoll u kkonferma li ġieli kienu ħallewh mingħajr fuel u dan kien ġimgħa wara ġimgħa resqin lejn il-Milied tas-sena ta' qabel. Ikkonferma wkoll li dak iż-żmien kien Charlie Farrugia li kien responsabbli.

Ix-xhud kompliet tinforma li kienet talbet għal mandat t'arrest fejn kienu ġew arrestati Charlie Farrugia u kif ukoll Duncan Rizzo.

**Jurgen Cassar** xehed waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju 2016. Huwa stqarr li jaħdem bħala *fuel distributor* ma Bastjan Borg Group. Bħala parti mix-xogħol tiegħu jmur l-Enemed kull filgħodu u l-*fuel dispatcher*, li dak iż-żmien kien Charlie Farrugia magħruf bħala ż-Żebbuġi, jagħtih il-fatturi skont l-ordnijiet u wara jmur iqassam fil-*petrol stations* madwar Malta.

Wara li jingħata d-dokumenti, huwa jgħabbi skont il-kwantità ordnata, jagħti karta lil tal-miżien, waħda lis-security u jibqa' sejjer iqassam ix-xogħol. Meta jqassam lill-*petrol stations* jiġbor il-ħlas li ġeneralment ikun forma ta' ċekk. Iċ-ċekkijiet imbagħad jgħaddihom lill-ċertu Catherine li kienet tahdem fuq finanzi fi ħdan l-Enemed.

Ix-xhud ikkonferma illi ilu jaf lill-imputat Duncan Rizzo għal madwar ħdax-il sena. Skont ix-xhud, Charlie Farrugia huwa bniedem arroganti. Ġara li għall-ħabta ta' Diċembru 2015, ix-xhud mar għax-xogħol filgħodu u Charlie lanqas bonġu ma qallu. Madankollu staqsieħ jekk hux sejjer

għand pompa partikolari u qallu "qis li jagħtik l-*envelope*". Wara li kien ħatt ix-xogħol, ix-xhud ingħata l-*envelope* mill-imputat Duncan Rizzo li imbagħad għaddieh lil Charlie. Għalkemm ix-xhud ma fetaħx l-*envelope*, seta jinduna li kien fih ammont ta' flus:

*Spettur Farrugia: u x'rajt?*

*Xhud: flus.*

*Spettur Farrugia: x'kien hemm fih flus?*

*Xhud: twenty u ten xi haga hekk, twenty u ten f'dak l-ilma…*

*….ifhimni kellu envelope u kellu miktub Charlie fuqu biex naghtih lil Charlie u lil Charlie tajtu lanqas ilhaqt wasalt l-Enemed kien diga' qed jilqa' idejh ghal envelope.*

*Spettur Farrugia: issa min taghhulek biex tghaddih lil Charlie?*

*Xhud: taghhuli Duncan Rizzo.*[5]

*Spettur Farrugia: Duncan Rizzo qallek xi haga meta ghaddiehulek dan l-enevelope?*

*Xhud: biex naghtih lil Charlie.*[6]

Ix-xhud ipproċeda sabiex irrapporta lil Charlie Farrugia liċ-*Chairman* tal-Enemed . Skont ix-xhud, l-imputat kien kontinwament rikattat minn Farrugia li ġieli kien jibgħatlu inqas *fuel* milli jkun ordna. Dan il-fatt jafu minħabba li kien ikun hu li jsuq il-bowser. Ix-xhud spjega li għalkemm il-

[5] Folio 22 ta' l-atti processwali
[6] Folio 23 ta' l-atti processwali

bowser jesgħa madwar għaxart' elef litru, Farrugia ġieli kien jibgħatu bi tlett elef litru.

Madankollu, l-episodju tal-*envelope* ġara darba biss imma qanqal ċertu suspett f'moħħ ix-xhud. Mistoqsi dwar ir-relazzjoni tiegħu ma Charlie Farrugia, ix-xhud stqarr li Farrugia kien iġib ruħu ħażin miegħu u dan jagħmel diversi atti intiżi biex jintimidawh u jdejjquh. In kontro-eżami, ix-xhud ġie mistoqsi jekk jiftakarx jekk Rizzo qallux li dak l-envelope kien fih xi ħaġa tal-Milied għal Farrugia minħabba li kien qorob żmien il-Milied. Ix-xhud stqarr li ma sar xejn minn dan imma jiftakar li meta mar lura fil-lokal tal-Enemed, Farrugia kien qed jistenna l-*envelope* b' ħerqa kbira.

Minn dakinhar, ix-xhud ma reġax tela' għand Rizzo. Mistoqsi jekk fi zmien il-Milied gieli kienu jitqassmu *hampers* u fliexken ta' l-inbid wiegeb li gieli kienu jitqassmu bhala kumpliment tal-Milied.

Fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2016 xehed **Joseph Saliba**[7], uffiċjal tal-JobsPlus fejn spjega li Duncan Rizzo jaħdem ma Rizzo Service Station ta' Birkirkara u ilu jaħdem hemm sa mill-11 ta' Jannar 1999.

Fit-23 ta' Novembru 2016 xehed ukoll **Kevin Chircop**[8], Executive Chairman tal-Enemed Company Limited. Ix-xhud ikkonferma li fit-3 ta' Frar 2016 kellmu l-Inġinier Philip Borg, li huwa l-*operations manager*, u qallu li kienu kellmu wieħed mid-drivers tal-kuntratturi u ċioè Jurgen Cassar li qallu li kien ingħata lilu *envelope* suspettuż biex jingħata lil Carmelo Farrugia, *assistant dispatcher officer*.

[7] Folio 57-59 ta' l-atti processwali
[8] Folio 61-65 ta' l-atti processwali

Ix-xhud kien sejjaħ lil Cassar u dan tal-aħħar qallu li meta mar iqassam lill-pompa ta' William Rizzo, ingħata *envelope* bl-istruzzjoni li jgħaddih lil Farrugia. Fuq din l-informazzjoni ix-xhud għadda biex jissospendi lil Farrugia u għamel ukoll rapport mal-Pulizija.

Fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2017 xehed **Oliver Magro** in rappreżentanza tal-Awtorità tal-Ippjanar[9]. Mistoqsi dwar x'informazzjoni għandu dwar Rizzo Service Station, ix-xhud spjega li hemm diversi permessi li jmorru lura sas-sena 1995 u jkomlpu sas-sena kurrenti 2017. Fost dawn il-permessi hemm għal tankijiet tal-*fuel*, *service garage*, *canopy* u *car wash*.

**PS 856 Conrad Falzon**, stazzjonat fl-Economic Crimes Unit xehed ukoll waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2017[10]. Ix-xhud stqarr li fid-19 t'April 2016 ingħata struzzjonijiet sabiex jarresta lil Duncan Rizzo li x-xhud iddikjara li qed jagħrfu. Dan l-arrest ġie eżegwit flimkien ma PC 878 Jurgen Muscat u sar ġewwa Rizzo Service Station, Triq l-Imsida, Birkirkara. L-imputat ġie infurmat bid-drittijiet tiegħu u eventwalment ġie meħud il-*lock-up*. Eventwalment Rizzo ta stqarrija.

**Philip Borg**, Chief Operations Officer mal-Enemed Company Limited xehed waqt is-seduta tas-27 ta' Settembru 2017[11]. Huwa xehed li mal-kumpannija hemm żewġ impjegati bl-isem ta' Carmel Farrugia iżda huwa ċċara li l-mertu tal-proċeduri jikkonċerna lill-dak li huwa magħruf bħala Charlie iż-Żebbuġi, li x-xogħol tiegħu kien li jirċievi l-ordnijiet mingħand tal-pompi imbagħad iqassam ix-xogħol tal-*bowsers* u wara jimla l-*loading chits* biex ix-xufiera jkunu jistgħu jimlew il-*bowser*.

[9] Folios 69-70 ta' l-atti processwali
[10] Folios 73-74 ta' l-atti processwali
[11] Folio 78-86 ta' l-atti processwali

Dan l-impjegat kien ilu ħafna mal-Enemed u qabel mal-Enemalta. Ix-xhud ikkonferma li Charlie Farrugia kien ġieli lmenta fuq il-komportament ta' Jurgen Cassar, wieħed mix-xufiera tal-kuntrattur Bastjan Borg. Jgħid li Farrugia qallu li darba minnhom suppost kien hemm vjaġġ diesel għall-Isptar imma Cassar qabad u ma għamlux u telaq 'l hemm.

Farrugia kien irraporta dan lix-xhud li minn naħa tiegħu kien informa lill-kuntrattur. Dan l-episodju kien ġara għall-bidu tas-sena 2016. Ġara li Cassar kien twaqqaf mix-xogħol għal xi ġranet imma wara ftit ix-xhud iltaqa' miegħu hdejn l-impjant ta' Birżebbuġa. Cassar qallu *"ara x'għamilli Charlie, ġabni bla xogħol u għandi familja"* u li *"jiena ukoll naf fuqu dak"*[12].

Wara dan, ix-xhud stieden lil Cassar sabiex jitkellmu fl-uffiċċju tal-*manager* ġewwa l-impjant. Cassar beda jallega li Charlie Farrugia jimxi ħażin ma' tal-pompi billi jagħtihom it-terturi biex huma jagħtuh il-flus ħalli jaqdihom u kien urihom xi ritratti ta' *envelope* fuq il-*mobile* u qal li kien fih xi flus.

Allegatament dan l-*envelope* intbagħat miegħu minn ta' Willie Rizzo u kien destinat għal Charlie Farrugia. Ix-xhud ikkonferma illi bħala stat ta' fatt ġieli kienu rċivew ilmenti minghand Rizzo Service Station fis-sens li kienu jispiċċaw bla *fuel*, xi jbiegħu, speċjalment it-tnejn filgħodu wara tmien il-ġimgħa.

Ix-xhud ikkonferma li jaf li Duncan Rizzo huwa t-tifel ta' William Rizzo iżda qatt ma kien iltaqa' miegħu u b'hekk ma setax jagħrfu. Ix-xhud spjega li jaf lil William Rizzo minħabba li għal xi żmien kien parti mill-

[12] Folio 80 ta' l-atti processwali

kumitat tal-*petrol stations* fi ħdan il-GRTU u x-xhud ġieli kien preżenti għal xi laqgħat.

Philip Borg reġa' xehed waqt is-seduta tal-14 ta' Jannar 2019[13]. Ix-xhud ikkjarifika li għalkemm Charlie Farrugia kien jilmenta fuq diversi xufiera, l-aktar li kien qisu qed jinkwetah dak iż-żmien kien Jurgen Cassar. L-inċident fejn ix-xhud iltaqa' ma Jurgen Cassar f'Birżebbuġa kien xi jumejn wara li dan kien twaqqaf mix-xogħol. Il-laqgħa imbagħad kienet saret fl-uffiċċju tac-Chairman wara insistenza tiegħu minħabba li l-materja dehret waħda serja.

Ix-xhud ikkonferma li l-irwol ta' Charlie Farrugia ma jinvolvix ġbir ta' flus. Il-pagamenti jsiru permezz ta' ċekk flimkien mad-*delivery order* lis-sezzjoni tal-finanzi. L-ebda pagament ma jsir fi flus kontanti.

**Giancarlo Cini** xehed waqt is-seduta tat-18 t'Ottubru 2017. Huwa kkonferma li lura fl-2015 huwa kien jokkupa l-kariga ta' president tal-GRTU u kkonferma illi jaf lill-imputat li huwa t-tifel tas-sid ta' Rizzo Service Station ta' Birkirkara. Ix-xhud ikkonferma li fis-sena 2015 kien irċieva ilmenti mingħand is-Sinjuri Rizzo li ma kienux qed jiġu mgħoddija *fuel* daqs kemm ikunu ordnaw. Dawn l-ilmenti kienu jkunu indirizzati kontra d-*delivery clerk* tal-Enemed, magħruf bħala Charlie iż-Żebbuġi. Ix-xogħol ta' dan kien li jieħu l-ordnijiet u jqassam ix-xogħol. Meta irċieva dawn l-ilmenti x-xhud ċempel lil Charlie Farrugia u qallu li ma jistax iwaqqaf ix-xogħol tal-pompi bin-nuqqasijiet tiegħu. Farrugia kien irrisponda li huwa fid-diskrezzjoni tiegħu kemm jibgħat *fuel* minħabba li

[13] Folios 102-110 ta' l-atti processwali

huwa jaf l-eżiġenzi tar-rotta u jkollu ħafna problemi bix-xufiera inkluż *sick leave*.

Ix-xhud spjega li jekk pompa tiġi mwaqqfa mix-xogħol minħabba nuqqas ta' *fuel,* it-telf li ġġarrab jista' jlaħħaq ankè eluf ta' Euro. Ix-xhud ikkonferma li hemm il-prassi li s-sidien tal-pompi jibgħatu rigali tal-Milied bħal *hampers* jew *whisky* lix-xufiera tal-*bowsers* u lid-*dispatchers*. Stqarr ukoll li jaf b'xi inċidenzi fejn ingħataw rigali fi flus kontanti. Dan jafu għax in-nies jitkellmu u d-diskors jiġri.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija ta' l-imputat**

Illi l-istqarrija ta' l-imputat Duncan Rizzo ittiehdet nhar id-19 ta' April 2016 gewwa l-ufficju ta' l-Ispettur Yvonne Farrugia wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghata d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni[14].

L-istqarrija ta' l-imputat ittiehdet fl-istess gurnata, u cioe fid-19 ta' April 2016 fil-prezenza ta' l-Ispettur Yvonne Farrugia u PS 856 Conrad Falzon. L-imputat iffirma kull pagna ta' l-istqarrija.[15]

[14] Dok YF5 Folio 78 ta' l-atti processwali
[15] Dok YF6 Folio 79 ta' l-atti processwali

Illi fl-istqarrija, l-imputat jidhol fid-detall dwar l-fatti relatati mal-kaz inkluz ir-raguni ghalfejn ghadda ammont ta′ flus gewwa envelop lil Carmelo sive Charlie Farrugia.

Madankollu u f'bażi preliminari tajjeb li din il-Qorti tistabilixxi jekk l-istqarrija li ġiet rilaxxata mill-imputat hijiex amissibbli f'dawn il-proċeduri u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti mil-Qrati tagħna li bbażaw ruħhom fuq insenjamenti mill-kazistika tal-Qorti Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta ġie irilaxxata l-istqarrija tal-imputat, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul l-interrogazzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit jekk l- istqarrijiet in kwistjoni kienux konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea u dik Maltija tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Meta l-imputat rrilaxxa l-istqarrija tiegħu, huaa kien ingħata id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu, liema dritt infatti, huwa irrinunzja[16]. Madankollu ma kien ingħata l-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat tiegħu matul l-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att AL tas-sena 2016.[17] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ kważi sentejn wara li l-imputat ġie interrogat.

Jidher li minn dħul fis-seħħ ta' din il-liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun

[16] Folio 78 ta’ l-atti processwali
[17] Fit-28 ta' Novembru 2016

f'diversi każijiet pendenti ta' natura kriminali, meta alavolja sanċit bid-drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skont il-liġi, l-interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ta' **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[18] li tirrigwarda l-ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq. Din ġiet ribadita mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat ukoll ir-rimedju konsistenti fl-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, l- Prim Awla tal-Qorti Ċivili kienet esprimiet is-segwenti:

*Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diġa bdew jesprimu d-dubbji tagħhom rigward jekk, il-liġi, kif kienet dak iż-żmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegħ xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fissentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:*

*"...jista' jkun hemm lok għal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt għall-assistenza legali mogħti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif eżistenti taġt il-liġi tagħna, huwa ristrett għal siegħa qabel l-interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-preżenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soġġett għal mistoqsijiet diretti u suġġestivi bir-risposti tagħhom, anke jekk jagħżel li ma jweġibx, bit-traskrizzjoni tiegħu tkun eventwalment esebita fil-proċeduri kontrih fejn ikun meqjus innoċenti sakemm pruvat mod ieħor."*

[18] Rikors kostituzzjonali 92/16.

*Huwa ċar għalhekk illi skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif żviluppat u evolviet sussegwentement għas-sentenza ta' Salduz, ilgaranzija u protezzjoni ta' smiegħ xieraq tirikjedi illi l-arrestat jingħata l-possibilita li jkollu miegħu avukat tal-fiduċja tiegħu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Għalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tarrikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni. M'huwiex kontestat, illi fiż-żmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma tħalliex ikollu avukat preżenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma ingħatax aċċess għall-avukat tiegħu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt waħdu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa biżżejjed biex tinstab leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.*

In oltre jidher li dan l-insenjament qed jiġi adoperat u applikat fil-Qrati tagħna fil-preżent kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet fejn fost dawn is-sentenzi nsibu l-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Claire Farrugia**[19] deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018 li għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien **Salduz vs Tukrija** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti r-rappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti.

[19] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din ilposizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra l-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret flistqarrija. Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti l-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amminisstrazzjoni tal-ġustizzja.[20] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l-persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien

[20] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata 1-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali:
Madankollu, għalkemm il-Qorti Ewropea hija marbuta bir-regola tal-esawriment tar-rimedji domestiċi, li kienet irraġuni għala sabet li l-ilment ta' Dimech kien intempestiv, din il-qorti ghandha s-setgha li taghti rimedju fejn issib li disposizzjoni li fhares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x' aktarx sejra tiġi miksura". Jekk, meta jsir użu minn stqarrija li tkun ittieħdet mingħajr ma min jagħmilha jkollu l-għajnuna ta' avukat, dan ikun bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, mela x' “aktarx" illi d-dritt għal smigħ xieraq jinkiser jekk jitħalla li jsir użu millistqarrija, u l-intervent ta' din il-qorti jkun meħtieġ minn issa sabiex ma tħallix li dan isir....
Għalkemm din il-qorti tenunen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa talprosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b' reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni - ghallinqas fejn il-process kriminali jkun intemm - ilium ma ghadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta moghtija dan l-ahhar mill-Qorti Ewropea. Din il-qorti ghalhekk ilum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens. Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech fejn il-Qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tal-lum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu flintier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq. Madankollu, fil-każ tal-lum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.

ser jirrifjuta wkoll l- avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Graziella Attard vs Avukat Generali**[21] fejn il-Qorti rretniet:

*"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din ilqorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali,, illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*

*Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[22]

*"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[23]

---

[21] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali
[22] Folio 11 u 12 tas-sentenza
[23] Folio 14 tas-sentenza

Kwindi konsegwentement a bazi tal-insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin, stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputat tal-assistenza legali matul l-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat, din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li l-jeddijiet fundamentali tal-imputat jiġi b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta din l-istess stqarrijia u ma tqisiex bħala prova f dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat**

**Elementi tar-reat**

Illi l-imputat tressaq a bazi tal-ksur ta' l-artikolu 115(1)(a) tal-Kodici Kriminali li jghid:

*Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, jitlob, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fiflus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa majkollux jedd, jeħel, meta jinsab ħati –*

*(a) jekk l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew tal-offerta, ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' priġunerija minnsitt xhur sa tliet snin.*

Illi minn ezami ta' l-artikolu 115(1)(a) tal-Kodici Kriminali li jikkontempla r-reat ta' korruzzjoni jirrizulta illi l-elementi bazici li jridu jigu ippruvati huma essenzjalment erba' u cioe:

1. In-natura ufficjali jew pubblika ta' l-impieg tal-persuna ikkoncernata;[24]

2. Li dik il-persuna irceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma ikunux dovuti skond il-ligi.[25]

3. Li dana jkun sar in konnessjoni ma' l-istess kariga jew impieg.

4. Li l-iskop ikun illi l-persuna taghmel jew ma taghmilx id-dmir tieghu/taghha.

Fl-ewwel lok u tenut tal-akkuza addebitata lill-imputat, il-Qorti sejra tikkunsidra jekk fiz-zmien tal-akkuzi msemmija, il-persuna li giet allegatament korrotta kientx ufficjal jew impjegat pubbliku hekk kif jitlob l-artikolu 115(1)(a) tal-Kodici Kriminal. Dan qed issir minkejja li ma tqajjmet l-ebda eccezzjoni dwar dan il-punt.

Illi l-prosekuzzjoni resqet lil Joseph Saliba bhal xhud in rapprezentanza tal-Jobplus li esebixxa dokument li jikkonferma l-impjieg ta' l-imputat Duncan Rizzo, izda mhux l-impjieg ta' Carmelo Farrugia, il-persuna li l-imputat allegatament ikkorrompa.[26]

Illi l-artikolu 115(1)(a) jispecifika li l-att estern irrid issir fuq ufficjal jew impjegat pubbliku. Illi l-prosekuzzjoni qeda tallega li l-imputat ikkorrompa ufficjal jew impjegat pubbliku li jahdem mal-Enemed fil-perjodu ta' Dicembru 2015. Illi f'dan il-kuntest prova li Carmelo sive Charlie Farrugia huwa ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku ma ngabetx mil-prosekuzzjoni, kif ukoll l-anqas ta' l-identita' tieghu, jew ma' minn huwa ufficjalment impjegat. Di piu' minn imkien ma jirrizulta li l-

[24] Vide ukoll **Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar** (Appell, Deciza 19 ta' Lulju, 1982)
[25] Vide ukoll **Il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri et** (Appell, Deciza 25 ta' Lulju, 1986)
[26] Folio 60 ta' l-atti processwali

imputat kien konsapevoli li Carmelo sive Charlie Farrugia kien ufficjal jew impjegat pubbliku. Tajjeb jigi sottolineat, li tali prova kienet facilment verifikabbli u jekk huwa minnu, ottenibbli.

Il-prosekuzzjoni lanqas ressqet lil Carmelo sive Charlie Farrugia bhala xhud tal-prosekuzzjoni.

Illi l-prosekuzzjoni tistrieh fuq ix-xhieda ta' Kevin Chircop, Executive Chairman tal-Enemed Company Limited u ta' Philip Borg, Chief Operations Officer mal-Enemed Company Limited.

Di piu mill-atti minn imkien ma jirizulta meta kienet stabbilta l-kumpannija Enemed u jekk ukoll hiex kumpannija privata, parastatali, jew entita' governattiva, kif ukoll jekk hijiex kumpannija indipendenti jew sussidjarja ghal ohra.

Kien fid-dover tal-prosekuzzjoni li tressaq dawn il-provi essenzjali:

-Il-prova tal-ufficjal jew impjegat pubbliku;

-Il-prova li l-entita' li timpjegah kienet, fid-data tal-imputazzjoni, entita' governattiva li thaddem ufficjali jew impjegati pubblici;

-Il-prova jew xhieda li tikkonferma bhala stat ta' fatt li kien gie miftiehem minn l-imputat u mal-ufficjal jew impjegat pubbliku li kien ser jghaddilu l-flus sabiex jirrangalu biex jaqdih ahjar.

Illi ser issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saveria sive Saverin Sinagra** fejn il-Qorti tal-Magistrati ghamlet ezami funditus dwar ir-reat ravvizat bl-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali[27]:

Illi minn ezami ta'l-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali li jikkontempla r-reat ta' korruzzjoni jirrizulta illi l-elementi bazici li jridu jigu ippruvati huma essenzjalment erba' u cioe:

*1. in-natura ufficjali jew pubblika ta'l-impieg tal-persuna ikkoncernata.*[28]

*2. li dik il-persuna irceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma ikunux dovuti skond il-ligi.*[29]

*3. li dana jkun in konnessjoni ma'l-istess kariga jew impieg.*

*4. li l-iskop ikun illi l-persuna taghmel jew ma taghmilx id-dmir tieghu/taghha.*

*Illi b'rabta ma' din id-disposizzjoni tal-ligi, l-Avukat Generali iccita wkoll l-artikolu 120, fejn titqies bhala komplici il-persuna li tikkorrompi l-ufficjal pubbliku.*

*Illi ghalhekk l-ewwel element essenzjali ghal kummissjoni ta' dana ir-reat huwa n-natura ufficjali jew pubblika ta' l-impieg tal-persuna li qed tigi korrota. Illi l-Professur Mamo fin-noti tieghu dwar id-dritt penali ighid: "The character of public officer or person employed under the Government is the first essential of this crime. The wording is very wide and embraces all officers or employees under the Government. … It includes all public officers or employees whether their duties are judicial, ministerial or executive or mixed."*

[27] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Deciza 30.06.2010 per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima
[28] Vide ukoll **Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar** (Appell, Deciza 19 ta' Lulju, 1982)
[29] Vide ukoll **Il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri et** (Appell, Deciza 25 ta' Lulju, 1986)

*Illi l-artikolu 92 imbaghad jiddisponi testwalment illi: "Taht il-frazi generali 'ufficjal pubbliku' jidhlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, civili u militari, izda wkoll dawk il-persuni kollha li huma mahtura skond il-ligi sabiex jamministraw xi parti tas-setgha ezekuttiva tal- Gvern, jew biex jezegwixxu xi dmir iehor pubbliku impost mil-ligi, sew gudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-wahda u l-ohra.*

Illi mil-provi mressqa mhuwiex car l-istat ta' impjieg ta' Carmelo Farrugia.  Mix-xhieda jinghad li kien impjegat ta' Enemed u li qabel kien impjegat tal-Enemalta.

Il-prosekuzzjoni f'dan il-kaz tistrieh biss fuq ix-xhieda tac-Chairman li stqarr li Carmelo sive Charlie Farrugia kien impjegat mal-Enemed u qabel mal-Enemalta.

Illi l-artikolu 28(5) ta' l-Att dwar l-Enemalta, Kapitolu 272 tal-Ligijiet ta' Malta,[30] li kien fis-sehh fiz-zmien tar-reati addebitati lill-imputat jipprovdi: "ghandhom jitqiesu li huma ufficjali u impjegati pubblici skond it-tifsira tal-Kodici Kriminali".

Da parti taghha ll-prosekuzzjoni anke naqset milli tressaq l-ahjar prova biex jigi sodisfatt dan il-kwezit. Fil-fatt l-aktar xhud idoneju ma kellux ikun rapprezentant tal-ETC li l-anqas ma ngab izda rapprezentant tal-*People and Standards Division* fi hdan l-Ufficju tal-Prim Ministru.[31]

Illi kif intqal fil-kaz **Il-Pulizija vs Gordon George Micallef**

[30] Imħassar bl-Att tal-2014 dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u lObbligi ta' Enemalta, Att XXXIV tal-2014, Kapitolu 536 tal-Ligijiet ta' Malta, li dahal fis-sehh fis-27 t'Awissu, 2014, (ghajr ghall-artikolu 4 dwar 'Impjegati talKorporazzjoni', li gie fis-sehh fil-25 t'Awissu, 2014.
[31] Vide Sentenza **Il-Pulizija vs Gordon George Micallef** deciza 1 ta' Marzu 2018, Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech

*"Issa l-element essenzjali tar-reat ta' korruzzjoni hu n-natura bilaterali ta' l-istess reat li timplika neccessarjament l-attivita` pozittiva ta' persuna ohra sabiex jissusti dak ir-reat; irrid ikun hemm kemm il-persuna talkorrott [l-ufficjal pubbliku], kif ukoll dik tal-korruttur (f'dan il-kaz limputat) u cioe` tal-persuna li toffri jew li taccetta li taghti xi rigal jew flus jew weghda ta' rigal jew utli iehor sabiex tikseb beneficcju ghalija jew ghal persuna ohra bl-intervernt tal-ufficjal pubbliku li jkun gie korrott.*

*Dan kollu jimplika illi l-korruttur irrid ikun involut xjentement u konsenswalment fl-azzjonijiet li jikkostitwixxu r-reat ta' korruzzjoni. Inkella jekk dan ma' jkunx il-kaz u izda jirrizulta illi jkun l-ufficjal pubbliku li ressaq talba ghall-hlas illecitu lill-persuna [sabiex jaghmel xi haga fl-ambitu tal-kariga tieghu] liema persuna pero ma' tikkondividix u ma' taqbilx illi taghmel dan, allura f' tali sitwazzjoni ikun l-ufficjal pubbliku biss illi kkometta azzjoni kriminali billi dan ikun ittenta jikkometta jew ikkometta nfrazzjoni kontra l-ligi kif mahsuba fl-artikolu 112 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta – il-konkussjoni."*

Illi l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Alfred Attard**[32] fejn intqal li:

*"Qabel ma din il-Qorti ser tiddiskuti l-fatti specie tal-kawza odjerna, thoss li ghandha tfakkar lil Prosekuzzjoni, li l-grad ta' prova li ghandha tilhaq hu dak li ma jhalli ebda ombra dettat mirraguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra, ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li gudikant irid jasal ghalih huwa li, wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha u b'applikazzjoni tal-boun sens tieghu ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni."*

[32] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, nhar it-28 ta' Frar 2005, Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera

Kif gie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija v Paul Farrugia** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta ta' Marzu 2000:

"*Hija dejjem l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat u dan permezz ta' provi jew diretti jew indizzjarji u sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant.*"

Huwa importanti wkoll li jigi enfasizzat f'dan l-istadju dak li ntqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Dawood Sayed Dawood Abdel El Kaader** fejn saret referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet **Teper vs The Queen** [1952] AC 480, 489 fejn intqal:

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

*Jigi rilevat li prova cirkostanzjali trid twassal ghal prova univoka u cioe l-unika interpretazzjoni li dik il-prova cirkostanzjali hija wahda biss u meta tali prova tkun ekwivoka, din il-prova ma jkollha ebda prova legali.*

*Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v David Gatt deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Gunju, 1998 dwar prova cirkostanzjali u cioe li:*

"*Provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.*"

Imbghad il-Qorti kompliet:

*…..Dwar t-tieni akkuza, u cioe dik ta' korruzzjoni ta' ufficjal kif kontemplat fl-artikolu 115 talKap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti taghmel referenza ghal*

*sentenza moghtija mill-Qorti talAppell Kriminali nhar t-tlettax ta' Marzu 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija v Omissis Carmelo sive Charles Attard fejn intqal li bhala premessi fondamentali ghas-sussistenza ta' dan r-reat, lartikolu 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tippreciza li:*

*"Jkun hemm r-reat ta' korruzzjoni meta kwalunkwe ufficjal jew impjegat pubbliku jircievi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor, xi rigal jew weghda, jew xi offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' xi vantagg iehor li ghalihom huwa ma jkollux jedd u jippreciza in oltre, li tali abbuz irid ikun sar in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu …"*

*Dik l-istess Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar l-hdax ta' Dicembru 1956 fl-ismijiet Il-Pulizija v Geraldo Sacco, sostniet li:*

*"Biex tkun tista tigi sostnuta l-korruzzjoni, hemm bzonn qabel xejn li jigi stabbilit ness bejn laccettazzjoni ta' flus jew utili iehor u l-ezercizzju tal-kariga jew impjieg pubbliku."*

Konsiderazzjonijiet li bla dubbju japplikaw ghal kaz in dezamina, u ghalhekk in-nuqqasijiet li gja saret riferenza ghalihom jimminaw l-univocita` rikjesta sabiex issir id-debita prova dwar din l-imputazzjoni u ghalkemm il-Qorti tista' tispekula dwar dak li verament hu, fil-kamp penali ma hemm l-ebda lok ghal kongetturi u spekulazzjoni.

Illi fit-tieni lok, mill-assjem tal-provi l-prosekuzzjoni f'dan il-kaz jistrieh principalment fuq ix-xhud Jurgen Cassar li kien uzat bhala il-*"middle man"* sabiex iwassal il-flus minn ghand l-imputat ghal ghand impjegat pubbliku Carmelo Farrugia.

Illi mix-xhieda mghottija minnu stess jirizulta li Jurgen Cassar kellu kunflitt personali ma l-istess Carmelo Farrugia. Ix-xhud Philip Borg

jispjega wkoll li l-imputat gie il-quddiem bl-ilment wara li kien f'gie sitwazzjoni fejn kien ser jitlef l-impjieg tieghu.

Philip Borg fix-xhieda tieghu stqarr:

*Xhud: Jien cempilt il employer tieghu anzi ghedt il Charlie biex icempel lil-employer tieghu biex il Yurgen ma jibaghtux iktar.*

*Magistrat: Ara hux qed nifhem tajjeb wara li Yurgen hadet id-decizzjoni li ma jibaghtuhx izjed. L-incident li inti tifhem dwaru fejn darba minnhom kont hiereg u rajt il Yurgen bilqeda u qallek ara fix gabni is sur Farrugia hija wara li Duncan twaqqaf.*

*Xhud: Iva xi jumejn wara kien.*

*Dif: Xi jumejn jew tlieta wara xi jumejn wara ara hux qed nifhem tajjeb kien dan il-mument partikolari illi Yurgen Cassar lilek gie jghidlek dak gabni bla xoghol u Ghandi xi nghid fuqu u Ghandi x'nirraporta fuqu qed naqblu.*

*Xhud: Iva*[33]

Illi mil-assjem tal-provi migbura l-imputat iressaq id-difiza li dak li kien intiz tal-Charlie Farrugia kien bhala gest tal-Milied, bl-istess mod kif jaghmlu persuni ohra fl-istess posizzjoni tieghu u bl-ebda mod biex jikkorrompi lill hadd.

Dan is-stat ta' fatt gie kkorroborat mix xhud Giancarlo Cini li xehed li fl-esperjenza tieghu d-dispatcher u d-drivers kienu jircevu flus jew rigali ohra bhal fliexken tal-whiskey fi zmien il-Milied.[34]

---

[33] Folio 104 ta' l-atti processwali
[34] Folio 91 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

Illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar is-7 ta' Frar 2019.[35] Illi nhar il-11 ta' Novembru 2019 il-prosekuzzjoni pprezentat nota tas-sottomissjonijiet finali. Id-difiza waqt l-istess smiegh talbet lill-Qorti sabiex tesebexxi prova tad-difiza li tikonsisti f'cirkulari iffirmata (ghalkemm mhux ikonfermata) minn l-Inginier Philip Borg li ggib id-data 16 ta' Ottubru 2019.

Appart il-fatt li din ic-cirkolari m'ghandha x'taqsam xejn maz-zmien tal-kaz odjern, li sehh erba snin qabel, ma tressqitx raguni valida u legali sabiex tigi inserita bhala parti mil-provi mill-atti. Se mai, din il-prova kellha titressaq waqt ix-xhieda ta' l-istess Inginier Philip Borg, li xehed darbtejn, kif ukoll kienet titressaq ic-cirkulari relevanti ghaz-zmien ta' l-imputazzjonji. Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-talba.

Illi in konkluzjoni il-Qorti trid tistrieh fuq il-provi li ghandhom iwasslu lil gudikant ghall-konvinciment morali li hemm provi sufficjenti li jorbtu lill-imputat mar-reat/i addebitat/i lilu. Fuq dan l-insenjament u tenut kont tal-mankanza ta' provi, l-Qorti tqis li l-imputazzjoni ma tirrizultax pruvata

# Decide

Ghaldaqstant il-Qorti issib lill imputat Duncan Rizzzo **mhux hati** tal-imputazzjoni kif migjuba kontrih u tillberah minn kull htija.

[35] Folio 111 ta' l-atti processwali

In vista tal-liberatorja fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet ulterjuri hekk kif imressqa.

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorriane Spiteri**

**Deputat Registratur**